# Fiera Nazzjonali tal-Ktieb 2008

*Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, il-Belt Valletta*
*12-16 ta' Novembru, 2008*

Il-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb organizzata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u d-Dipartiment tal-Libreriji ser issir bejn it-12 u s-16 ta' Novembru, 2008, f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, il-Belt Valletta. Din hija l-24 edizzjoni tal-Fiera tal-Ktieb. Id-dħul huwa b'xejn. Ikun hemm trasport mill-venda ta' Putirjal, nru. 98.

## Attivitajiet waqt il-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb

*L-attivitajiet kollha waqt il-Fiera tal-Ktieb huma mingħajr ħlas u ser isiru fis-Sala Temi Zammit.*

**It-Tlieta 11 ta' Novembru**

- 7.30 p.m. Ftuħ ta' l-Erbgħa u Għoxrin edizzjoni tal-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb mill-Onor. Ministru Dolores Cristina.

**L-Erbgħa 12 ta' Novembru**

- 9.30 a.m.: Workshops mill-Malta Writing Programme ta' l-FES għall-istudenti ta' l-iskejjel primarji.
- 7.00 p.m.Lecture minn Dr Adrian Grima: Ħożż fl-Ilma. Il-Kitba, il-Kotba u l-Baħar

**Il-Ħamis 13 ta' Novembru**

- 9.30 a.m. sal-11 a.m. Żjara mill-Kummissarju tal Unjoni Ewropea għall-Multilingwiżmu Leonard Orban.
- 11.15 a.m.: Workshops mill-Malta Writing Programme għall-istudenti
- 7p.m. Tnedija tas-Sensiela Kullana ta' Klassiċi, Pubblikazzjonijiwt Indipendenza

**Il-Ġimgħa 14 ta' Novembru**

Tnedijiet ta' kotba minn Allied Publications

- 5.00pm Habitat
- 6.00pm Jasmine Blossoms for all Time
- 7.00pm Cross Currents

**Is-Sibt 15 ta' Novembru**

- 10.30 a.m. Qari għat-tfal
- 6.30 p.m. Tnedija tal-ktieb ta' poeżiji dwar it-tibdil fil-klima *Riħ min-Nofsinhar* ta' Adrian Grima u Immanuel Mifsud.

**Il-Ħadd 16 ta' Novembru**

- 10.30 a.m. Qari għat-tfal
- 7 p.m. Lejla Letterarja

**Ħinijiet tal-Ftuħ tal-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb**

**L-Erbgħa 12 u l-Ħamis 13 ta' Novembru**
9.00 a.m. – 1.30 p.m.
5.00 p.m. – 9.00 p.m.

**Il-Ġimgħa 14 ta' Novembru**
9.00 a.m. – 1.30 p.m.
5.00 p.m. – 10.00 p.m.

**Is-Sibt 15 ta' Novembru**
9.00 a.m. – 12.30 p.m.
4.00 p.m. – 10.00 p.m.

**Il-Ħadd 16 ta' Novembru**
10.00 a.m. – 12.30 p.m.
3.00 p.m. – 9.00 p.m.

**L-Esebituri**
Agius and Agius Ltd.
Allied Retail & Commercial Co. Ltd
Aquilina Bookshop
Book Distributors Ltd
Clamus Ltd
FrannyJo Publications
Islamic Call Society
Istituto Italiano Di Cultura
Klabb Kotba Maltin – Midsea Books Ltd –Fondazzjoni Patrimonju Malti
Meli Bookshop
Preca Library
Pubblikazzjonijiet Indipendenza
Publishers Enterprises (P.E.G.)
Sensiela Kotba Soċjalisti
Sierra Distributors Ltd
Uptrend Publishing
Wise Owl Bookshop
Wiseowl Publications

**Kotba Ġodda**
Din is-sena waqt il-Fiera tal-Ktieb ser ikunu mnedija għadd ta' kotba ġodda minn bosta ditti:

**Pubblikazzjonijiet Indipendenza**
*Għall-Fiera tal-Ktieb ta' din is-sena Pubblikazzjonijiet Indipendenza se tippubblika dawn il-kotba ġodda li huma:*
Sails Round Malta: Types of Vessels 1600BC-1900AD ta' Joseph Muscat, It-Teżori fil-Knejjes Maltin Vol. 11 – Birżebbuġa, il-Fgura, Ħal Għaxaq, Ħal Luqa, Ħal Tarxien, Santa Luċija ta' Toni Terribile, Malta: Mit-Tetradrachm għall-

Ewro ta' Joseph Sammut, Jien, Albino Luciani ta' Alfred Camilleri, Kullana Għat-Tfal n. 7 – Storja I ta' Angela Briffa, n. 8 - L-Arkitettura ta' Karys Caruana, n. 9 – Il-Fjuri ta' Arthur Sammut, Ġabra ta' Leġġendi ta' Joseph Sciberras, The Petacchio ta' Joseph Muscat, u bidu ta' sensiela ġdida: il-Kullana tal-Klassiċi n. 1 – Ir-Repubblika – Platun traduzzjoni ta' Victor Xuereb, Kullana tal-Klassiċi n. 2 – Tliet Drammi Griegi – Sofokle, Ewripide traduzzjoni ta' Oliver Friggieri, Kullana tal-Klassiċi n. 3 – Bhagavad Gita – Wajsa, traduzzjoni ta' Michael Zammit.

**Midsea Books**
*Tul il-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb, Midsea Books se jippreżentaw dawn il-pubblikazzjonijiet ġodda:*
Storie di Restauri nella Chiesa Conventuale di San Giovanni Battista a La Valletta editjat minn Sante Guido u Giuseppe Mantella; Antique Collecting in Malta minn Robert Attard u Romina Azzopardi; Cart-Ruts and their impact on the Maltese landscape minn David H. Trump; Cooking with Peter: Your healthy autumn u winter recipes minn Peter Dacoutros; Family Photos minn Petra Bianchi u How to achieve your Prosperity minn August Kobler.

**Klabb Kotba Maltin**
*Klabb Kotba Maltin se jippreżenta:*
l-awtobijografija tal-Prof. Oliver Friggieri Fjuri li ma jinxfux – Tifkiriet 1955-1990; numru ta' rumanzi u novelli: Bellus u Bizzilla minn Lina Brockdorf; L-Erba' Aħwa minn Alfred Massa; Stejjer li aħjar ma nkitbux minn Immanuel Mifsud; It-Tifel bil-Piġama rrigata tradott minn Tony C. Cutajar; Il-Profeta tradott minn Victor Fenech, kif ukoll edizzjonijiet ġodda ta' Kien Kwinta l-Qamra minn Lina Brockdorf; Bejn Mara u Qassis minn Paul P. Borg; Ix-Xhud li ma deherx minn George Zammit u Raġel bil-Ggaqal minn Ġużè Galea. Għall-qarrejja iżgħar il-KKM se jippreżenta kotba ġodda minn Charles Casha Il-Princep u t-Trogloditi u Imsiebaħ il-lejl minn Victor Fenech. KKM se jippreżenta wkoll dramm minn Alfred Buttigieg Ippermettili Nitlaq u l-poeżija ta' Terence Portelli, Stoppini u Sufarelli. Fondazzjoni Patrimonju Malti se tippreżenta wkoll il-ktieb ta' Giovanni Bonello Histories Volume 9.

Barra minn hekk KKM se jippreżenta s-serje ta' 21 workbook irreveduta, miktuba minn Alfred Buttigieg, Maltimanija, u anke sensiela ta' 3 kotba ta' logħob bil-kliem, Kannizzatti minn Carmel Azzopardi.

**FrannyJo Publications**
Franny Jo Publications ħa jintroduċu d-DVD Ir-Re Żrinġu VII dwar Malta u l-Maltin.

**Allied Publications**
*Fil-fiera ta' din is-sena, Allied Publications ħa jniedu ħames kotba ġodda:*
Il-pubblikazzjoni ewlenija hija Cross-Currents Critical Essays on Art and Culture, editjat minn Raphael Vella. Dan il-volum jittratta suġġetti li jolqtu lill-artisti Maltin kontemporanji u għandu jgħin lill-qarrejja biex jifhmu l-iżviluppi artistiċi f'atmosfera ta' bidliet politiċi, ekonomiċi, u soċjali.

Pubblikazzjoni oħra importanti hija t-traduzzjoni tar-rumanz ċelebri ta' Oliver Friggieri, Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ. Dan inqaleb għall-Ingliż bl-isem Jasmine Blossoms for All Time minn Rose Marie Caruana. Din hija l-ġrajja ta' Toninu, tifel żgħir li joqgħod il-Furjana, u hu ambjentat fil-ħamsinijiet. Bil-mod il-mod, dan il-karattru jibda jifhem r-realtajiet tal-ħajja li daqqa huma ħelwin u daqqa ħorox.

Ktieb ieħor hu Habitat: Malta's Natural Heritage ta' Paul Portelli. Dan il-ktieb huwa bbażat fuq l-artikli ta' kull ġimgħa li ilhom jidhru fil-paġna Habitat tat-Times minn Ġunju 1996. Dawn l-artikli huma miktubin għal min mhux espert u għal dawk kollha li tinteressahom in-natura Maltija. Fil-ktieb insibu ismijiet xjentifiċi, u nsibu wkoll bosta stejjer tradizzjonali u leġġendi minn Malta u mill-bqija tad-dinja. L-awtur jagħti tagħrif fuq l-użu mediċinali ta' diversi tipi ta' pjanti biex juri l-valur tal-flora tagħna.

Recollections of a Malta HAA Gunner ta' Major Maurice Agius huwa ktieb ieħor ġdid għall-fiera. L-awtur kien fir-riġment tal-Heavy Anti-Aircraft tar-Royal Malta Artillery matul it-Tieni Assedju ta' Malta tal-1940-43. Jirrakkonta l-istorja tiegħu u jiddeskrivi kif 70 suldat kienu joqogħdu f'qaghda klawstrofobika mal-kanuni matul 'il fuq minn 3000 attakki mill-ajru. Xi wħud minnhom ħelsuha b'xagħra.

Ktieb iehor gdid hu Castille Behind the Scenes ta' Henry Coppini. L-awtur, li kien fiċ-ċivil fi żmien li Dom Mintoff kien Prim Ministru ta' Malta, jirrakkonta x'kien isir wara l-kwinti u waqt in-negozjati li fihom hu kien involut mill-1971 sa nofs it-tmeninijiet. Jitkellem fuq it-twaqqif tal-Air Malta, fuq il-kriżi taż-żejt, l-insistenza ta' Malta għall-esplorazzjoni offshore taż-żejt, u l-ftehim tal-1972 mal-Ingilterra għall-użu tal-faċilitajiet militari tal-Gżejjer. L-awtur jitkellem mill-esperjenza tiegħu personali u jżewwaq ir-rakkont tiegħu b'xi ċajta 'l hawn u 'l hemm, u dan il-fattur jagħmel il-ktieb ġabra ta' tifkiriet li tagħtik gost.

**Uptrend Publishing**
Uptrend Publishing għal din l-edizzjoni tal-Fiera tal-Ktieb ħarġu l-ktieb Vapuri tal-Karti ta' Charles Casha. Ġew ippubblikati wkoll erba' kotba oħra tas-serje Milly, Molly.

**Wiseowl Publications**
Wise Owl qed jipproponu Il-Ħrejjef ta' Esopu, 3 volumi ta' Saviour Sammut u għadd ta' Kotba ta' Natalie Portelli: Ħrejjef Popolari bil-Maltim Flip Il-Qattusa ta' l-Iskip, Bidu', - Il-Kelb li jhobb idur, Mejca - Mitlufa, Lilla - Mormija Barra Hemm ukoll il-ktieb ta' Guido Lanfranco Nagħrfu l-Leġġendi.